MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Numru 869/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexandra Farrugia Mamo**

**vs**

**Michael Fenech**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Michael Fenech ta’ 33 sena, iben Alfred u Catherine nee’ Azzopardi, imwieled Floriana fis-26 ta’ Mejju 1966 u residenti Villa St. Domnic, Bizantini Rd, M’Xlokk u detentur tal-karta tal-identita’ numru 360666(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’ rizoluzzjoni wahda:

a. Appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor, u cioe’ flus fl-ammont ta’ Lm520, liema flus kienu tal-Kumpanija Fuel Oil and Petroleum Company Ltd, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat, liema konsenja ta’ flus giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju u dan ir-reat sar bi ksur ta’ l-Artikolu 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ Lm520 ghad-dannu tal-kumpanija Fuel Oil and Petroleum Company Ltd., Michael Angelo Fenech u persuni ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta’ Jannar 2000 (esebit *a folio 7* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta’ Frar 2000 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' misapproprjazzjoni u truffa kontemplati fl-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn il-proceduri inbdew wara li l-Pulizija rceviet kwerela minghand Michelangelo Fenech ghan-nom ta' Fuel Oil and Petroleum Limited fejn kien qed jig allegat li l-imputat li huwa n-neputi tal-kwerelant meta ma kienx ghadu impjegat tal-kumpanija kien ircieva xi flus minghand debituri tal-istess kumpanija u zamm jew ma tax rendikont tal-istess flus lil kwerelant.

Illi mill-provi rrizulta li fiz-zmien li saret il-kwerela kien hemm diversi pendenzi bejn il-partijiet, u cioe' bejn l-imputat u l-kwerelant, u rrizulta wkoll li wara diversi tentattivi sabiex issir transazzjoni bejn il-partijiet u wara diversi nkontri fejn saru l-konteggji kollha bir-reqqa gie kkonstatat li l-kwerelant ha konjizzjoni ta' certu dokumentazzjoni li ma kellux access ghaliha qabel u wara li ha konjizzjoni ta' tali dokumentazzjoni huwa kkonferma li li kieku ra din id-dokumentazzjoni qabel ma kienx jintavola l-kwerela li abbazi taghha nbdew il-proceduri odjerni (vide xhieda relattiva nserita a fol. 184 u 185 tal-process).

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jidrilha li l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u huwa qieghed ghalhekk jigi liberat mill-istess akkuzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------